**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 74**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 9 ta' April 2024, fis-Sala tas-Socjo Muzikali Anici fi Triq Dun Gwakkin Schembri, Ħal Qormi fit-8.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Ralph Puli - Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier
George Muscat - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier (online)
Daniel Ablett – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

**ASSENTI**

Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**74.1 Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 73, liema Minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** talab sabiex il-Kunsill jigi ippreżentat bl-attendenza tal-membri f'dawn l-aħħar ħames snin.

Il-Minuti ġew approvati.

**74.2 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2024.

Saret diskussjoni bejn il-membri fuq Pagament Numru 55, il-pagament tal-Perit William Lewis ta' €4996.45, Pjazza tal-Granmastru Community Green Urban Design.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** semma kif il-proġett ħareġ fil-pubbliku qabel ma kien ġie diskuss fil-Kunsill.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li il-Perit kien tqabbad biex jippreżenta lil Kunsill Lokali sketch u mhux biex joħroġ b'disinn fil-pubbliku qabel ikun approvat mill-kunsill.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti għajr għal-pagament numru 55.

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-pagamenti ġew approvati għajr għal-pagament numru 55.

**74.3 Budget 2024**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab sabiex kull membru jingħata kopja tal-Budget għas-sena 2024.

**74.4 Pagament Pius Curmi**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento issospenda għal-ftit minuti il-laqgħa sabiex is-Sur Pius Curmi, li daħal waqt is-seduta, ikun jista' jitkellem

Is-Sur Curmi spjega li kien ġie ikkummissjonat minn Paul Borg sabiex jaħdem xogħol ta' injam fuq il-presepji tal-injam, bħala parti mid-dekorazzjonijiet tal-Milied fi Ġnien De La Cruz u baqa' ma tħallasx is-somma ta' €200 mitluba minnu, mingħand Paul Borg, għax Paul Borg qallu li il-kunsill Lokali għadu ma ħallsux.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fittxet fil-pagamenti u sabet li Paul Borg tħallas is-somma ta' €400 fis-26 ta' Jannar 2024.

Għaldaqstant ġie diskuss u maqbul li is-Sur Pius Curmi jitħallas is-somma ta' €200 li huwa kien dovut minn Paul Borg u il-pagament ta' €400 li ingħata Paul Borg u dawn il-€200 jitqattgħu mill-pagament li għandu pendenti Paul Borg.

**74.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**74.5.1 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippreżenta żewg invoices li il-Kunsill Lokali rċieva mingħand Ben's Hire Service għal-kiri ta' cherry picker imqabbda minn Paul Borg biex iżejjen is-siġra tal-Milied. Dawn l-invoices iġibu id-dati ta' kiri ta' cherry picker f'Diċembru 2021 u Diċembru 2022 għal-ammont ta' €525.10 u Invoice oħra għal kiri ta' cherry picker f'Diċembru 2022 u f'Jannar 2023 għal-ammont ta' €165.20.

Il-Kunsill qabel li minħabba li dan ix-xogħol sar fuq is-siġra tal-Milied, dawn iż-żewg Invoices jitħallsu u il-fornitur jiġi avżat li qatt mhu se jingħadda lilu ħlas sakemm ma jkollux works order uffiċċjali mill-Kunsill Lokali Hal Qormi.

**74.5.2 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara il-komunikat fl-aħħar seduta rigward il-Pjazza San Bastjan, saret talba lil Perit kif miftiehem, liema komunikat b'risposta tal-Perit gie mibgħut lil membri permezz ta' ittra elettronika.

Fuq it-talba tal-Perit għall ispeed log ta kemm kienu għaddejjin veloċità il-vetturi, Malta Public Transport infurmaw li minħabba li hemm Bus Stop fil-viċin il-vetturi ma kienux għaddejjin aktar min 15km fis-siegħa.

Għaldaqstant Malta Public Transport infurmaw lil Kunsill li fid-dawl tal-fatt li il-Kunsill Lokali ma qaxxarx it-triq, is-servizz tat-transport pubbliku kull meta tkun ix-xita se jiġi diverted għal Triq il-Vitorja, dan b'effett mill-1 ta' April 2024.

74.5.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li t-tenders relatati mat-tindif ta' Non Urban Roads kienu għal diversi xhur mwaħħla. Dan minħabba li min rebaħ it-tender ma ġabx id-dokumenti mitluba minnu, fosthom il-lista tal-ħaddiema.

Wara diversi tentattivi, biex is-sistema tkun tista targa tinfetaħ biex tingħata lit-tieni offerta l-aktar vantaġġuża, ninfurmaw li it-Tender tan-Non Urban Roads issa ġiet awarded lis-Sur Saviour Mifsud.

74.5.4 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li il-Kunsill Lokali rċieva komunikat mingħand is-Sur Mario Debono tal-Maypole rigward il-boundary wall ta' fejn il-blokka li qed tinbena fi Triq San Bartolomew kantuniera ma' Triq il-Vitorja.

Il-permess għal dan il-Boundary Wall ilhu li skada mill-31 ta' Diċembru 2023. Is-Sur Debono kien wiegħed lis-Sinjura Karen Camilleri li il-boundary wall jitneħħa eżatt wara il-Festi tal-Għid, kif ikkonfermat fil-komunikat li bagħat is-Sur Debono stess.

Is-Sur Debono qed jitlob li jagħmel scaffolding fuq ġewwa tal-boundary wall sabiex ilesti il-faċċata u iħalli il-boundary wall sal-aħħar ta' Ġunju 2024.

Saret diskussjoni bejn il-membri fejn ġie deċiż li is-Sur Debono jiġi infurmat li it-talba tiegħu ġiet milqugħa, bil-kundizzjoni li sa l-ewwel jum ta' Lulju 2024 il-ħajt irid ikun tneħħa u il-bankina tkun aċċessibbli għal pubbliku u ma jitħalla xejn ta' periklu jostakola quddiem il-propjetà tiegħu fi Triq il-Vitorja kantuniera ma Triq San Bartolomew Hal Qormi. Din id-deċiżjoni hija definittiva.

74.5.5 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li il-Kunsill Lokali rċieva talba mill-Għaqda Socjo Muzikali Anici, sabiex il-meter tad-dawl li il-Kunsill għandu fi Triq Dun Gwakkin Schembri jinbidel għal dak 3-phase sabiex ikun jista jiflaħ għad-dawl tat-toroq meta isir it-tiżjin tal-Milied. Il-membri preżenti kollha qablu li din it-talba tiġi milqugħa u li spejjeż ta' dan it-tibdil jitħallsu mill-kunsill.

**74.5.6** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li il-Kunsill Lokali rċieva talba mill-Għaqda Socjo Muzikali Anici, sabiex il-Kunsill jidħol għall-ispiża biex jinbidel id-dawl tal-bankina quddiem l-istess Każin fi Triq Dun Ġwakkin Schembri. Dan minħabba li id-dawl preżenti ma jaħdimx. L-istima għal dan id-dawl hija ta' madwar €1300. Il-Kunsill qabel unanimament.

**74.5.7** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li il-Kunsill Lokali rċieva żewg stimi għal stage, dawl u PA System f'Jum Hal Qormi. Stima ta TSS Sound Rentals għal €900 u oħra mingħand is-Sound Factory ta' €700. Is-Sindku ippropona li imorru għal orħos offerta dik tas-Sound Factory. Il-Kunsill qabel unanimament.

**74.5.8** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li il-Kunsill Lokali li fl-okkażjoni ta' Jum Hal Qormi il-quddiesa li is-soltu issir qabel il-marċ ma tistax issir. Dan minħabba li l-Arcipriet Dun Karist infurmana li fil-Parroċċa ta' San Bastjan se jkun hemm il-Preċett fil-jum tal-25 ta' Mejju 2024. Għaldaqstant bi qbil bejn il-membri għandha tinstab ġurnata oħra qabel id-data tal-25 ta' Mejju sabiex issir il-quddiesa u jiġu mistiedna l-Għaqdiet tal-lokal.

**74.5.9** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li għaċ-ċerimonja sempliċi ta' Ġieh Hal Qormi u Għarfien il-Hila għandu jigi aviċennat is-Sur Frederick Attard sabiex jippreżenta is-serata, u jitqabbdu tlieta jew erba' kantanti mil-lokal sabiex jieħdu sehem fis-serata.

**74.5.10** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li il-Kunsill Lokali rċieva ittra elettronika mingħand is-Soċjetà Filarmonika Pinto fejn is-soċjetà qed titlob in-No Objection sabiex il-Car Show issir fi Pjazza Narbona minflok fi Triq San Bastjan kif kien propost. Din il-Car Show ser issir nhar il-Ħadd 18 ta' Mejju 2024. Is-soċjetà qed titlob in-No Objection li fi Pjazza Narbona u il-madwar tal-Knisja ma jsirx parkeġġ bejn is-6.30 ta' filghodu u in-nofsija.

Is-soċjetà qed titlob ukoll li għal din l-attività ikollhom l-għajnuna tal-Kunsill, fejn intallbu mobile toilets u ħlas għall-uffiċjali tal-infurzar (dawn possibbilment jitħallsu mill-iskema li joħroġ ir-Regjun Nofshinhar) u tokens għall-parteċipanti.

Is-Sindku nforma li fis-sitwazzjoni finanzjarja preżenti u billi il-parteċipanti ser ikunu qed jintallbu iħallsu biex jieħdu sehem, il-Kunsill għandu iħallas biss għal-mobile toilets u it-tindif wara l-attività, kif ukoll għall-uffiċċjali tal-infurzar kemm il-darba dawn ma jiġux rifonduti mill-iskema tar-Regjun.

74.5.11 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li ingibdet l-attenzjoni tal-istaff li kull meta ikun hemm road closure fi Triq Mikiel Anton Vassalli qed tinħoloq konfuzjoni minħabba l-aċċess għal din it-triq. It-toroq Triq il-Bajjada u Triq Aħwa Zammit huma it-tnejn One Way u biex ikollhom aċċess għal Triq Mikiel Anton Vassalli iridu jgħaddu kontra is-sinjali tat-traffiku.

Għaldaqstant ġie issuġġeriet li id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tinforma lill-impjegati tal-Kunsill sabiex fil-permessi għal-road closure fi Triq Mikiel Anton Vassalli, titniżżel li il-persuna li tagħmel permess ikollha tibbukkja zewg uffiċċjali tal-infurzar.

74.5.12 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li kienet ntbagħtet korrispondenza lir-residenti ta' Triq il-Ħelsien sabiex jinfurmaw lil Kunsill jaqblux ma road humps fi Triq il-Ħelsien viċin Triq ir-Rebbiegħa. Mill-ittri li il-kunsill Lokali rċieva lura il-maġġoranza ma qablux li isiru tali road humps u minflok jippreferu speed cameras.

Il-membri kollha preżenti qablu sabiex issir talba biex jiġu installati Speed cameras f'din il-parti ta' Triq il-Ħelsien.

74.5.13 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li fl-aħħar ġranet il-Kunsill rċieva ilment mingħand persuna li f'dawn l-aħħar xhur xtrat propjetà li kienet ilha magħluqa diversi snin fi Triq il-Mitħna (Triq Kav A Agius) ma Triq San Pawl.

Il-propjetarju ta' din id-dar ilmenta li ftit wara li beda juża id-drenaġġ ta' din i-propjetà innota li id-drenaġġ mhux qed jibqa' għaddej imma qed jitla lura mill-ispaction. Wara investigazzjoni mid-Dipartiment tad-Drenaġġ li marru bil-cameras, ġie identifikat li id-drenaġġ ta' din id-dar kien miżdud, eżatt bi dritt il-katusa tal-culvert tal-ilma ta' Triq San Pawl li sar fuq proġett tal-Kunsill Lokali Hal Qormi fis-sena 2020.

Il-Kunsilliera preżenti qablu li tali ħsara trid tiġi irranġata immedjament u għaldaqstant jintalab il-kuntrattur tal-Kunsill japplika

għal-permessi ta' Transport Malta biex ikun jista' jagħmel xogħol ta' iskavar fit-triq u jekk isib sadd titranġa il-ħsara.

Ġie issuġġeriet ukoll li kif jitlesta ix-xogħol, tintbagħat korrispondenza bir-ritratti ta' xi nstab lil Perit tal-Kunsill li dakinhar kien iċċertifika ix-xogħlijiet fi Triq San Pawl.

**74.5.14** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li kellu diversi talbiet sabiex tiġi indirizzata il-problema tal-għadira tal-ilma li żżomm quddiem il-Maħżen tal-Armar ikkawżata minn qlib ħażin meta saret Triq il-Kolleġġjata bit-tarmak. Il-membri qablu li tali talba għandha tiġi indirizzata u ġie issuġġeriet li il-Perit tal-Kunsill u il-Kuntrattur tal-Kunsill jiltaqgħu mal-membri tal-Kumitat Festi Esterni sabiex jiddeċiedu kif se jindirizzaw din il-problema.

**74.5.15** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li kellu talba sabiex jinghata isem lil trejqa li sal-lum qeda bla isem fi Triq San Stiefnu. Ġie issuġġeriet li din it-trejqa tissemma Triq il-Piroteknići u għandha tintbagħat korrispondenza lil Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq b'din it-talba.

**74.5.16** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva zewg CVs mill-Jobplus għal impjieg tal-Cleaner (scale 18 General Hand). Qed niffissaw id-data tal-Hamis 11 ta' April 202, biex kif kien diġà deċiż u miftiehem, il-Kunsillier Ralph Puli, il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli u is-Sindku Josef Masini Vento jagħmlu l-intervista lil dawn iż-żewġ kandidati.

**74.5.17** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li kellu laqgħa mal-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Sebastjan fejn dan flimkien mal-kuntrattur tiegħu, li qed iddawwal il-faċċata tal-Knisja ta' San Sebastjan, ippreżenta disinn ta' kif għandu jitqassam id-dawl madwar Pjazza Narbona. Dan sabiex jikkumplimenta id-dawl li qed isir biex tigi imdawwla il-knisja.

Il-Kunsill ingħata proposta ta' kif għandha tiġi imdawwla Pjazza Narbona minħabba li bħalissa ma hemmx dawl biżżejjed. Il-pjan huwa li il-bażi tal-poles li idawwlu il-faċċata isiru meta ikun għaddej il-proġett ta' Pjazza Narbona (Triq San Bartolomew u Triq il-Vitorja). Is-servizz ta' trinek biex jiġu installati il-poles fil-ġnub u wara tal-Knisja ser

jintalbu biex isiru mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi fuq ftehim li għandhom il-Parroċċa.

Il-Kunsill qed jintalab li jiffinanzja il-ħlas ta' dawn l-arbli tad-dawl, għaxra b'kollox. Sitt arbli kbar biex idawwlu il-faċċata tal-Knisja u il-pjazza u erba' arbli iżgħar biex idawwlu il-Pjazza biss. L-istima għal dawn l-għaxar arbli hija ta' circa 61 elf euro vat inkluża.

Il-membri kollha qablu sabiex il-Kunsill jidħol għal dan il-proġett permezz tal-ftehim li il-Kunsill Lokali għandu ma Tuminvest.

## 74.6 RIZOLUZZJONI NRU 01/2024

Waqt il-laqgħa nru 74 li saret nhar it-Tlieta 9 ta' April 2024, il-Kunsill Lokali Lokali Ħal Qormi approva SPI.SCI.02.2024 - Skema Kommunitajiet Aktar b'saħħithom għall-Walking Track fi Ġnien De La Cruz. L-allokazzjoni massima hija ta' €45,000.00 u l-kunsill se joħroġ il-15% differenza.

Wara li tlabna lil Perit sabiex jagħmel il-pjanta tal-walking track fi Ġnien De La Cruz (phase 1), ippreżenta il-pjanta annessa kif ukoll il-costings. B'kollox il-proġett ser jiġi jiswa cirka €53,000.00.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ippropona l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 01/2024.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ssekonda.

Riżoluzzjoni Nru 01/2024 ġiet approvata.

## 74.7 Ħwejjeġ Oħra

**Il-Kunsillier Doris Zammit** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kellha diversi talbiet sabiex parti minn Triq il-Barrakki issir one way.

Ġie miftiehem li tintbagħat ittra lir-residenti, forma ta' petizzjoni, sabiex jindikaw jekk jaqblux jew le ma din il-proposta.

**74.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fl-10.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal-Ħamis 9 ta' Mejju 2024 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***9 ta' Mejju 2024***.

| | |
|---|---|
| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Marilyn Baldacchino Gatt<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |